# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 6 ta' Diċembru 2022**

**Appell numru 270/2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Naser MOHAMAD**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-9 ta' Ġunju 2022 fil-konfront ta' Naser MOHAMAD (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 146234A) li ġie mixli talli nhar id-9 ta' Mejju 2020 għall-ħabta ta' 19.45hrs ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun:

    i) Uża vettura bil-mutur CTL 100 Toyota fit-toroq mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, Kap. 104 Artikolu 3(1);
    ii) Żamm, fixkel jew qata' l-mogħdija ta' persuna, vettura jew żiemel f'kull triq.

    Il-prosekuzzjoni talbet li l-ħati jiġi skwalifikat mil-liċenzi kollha.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), sabet lill-appellant ħati u ikkundannatu għall-piena ta' multa komplessiva fl-ammont ta' elfejn u erba' mitt euro (€2400) pagabbli fuq medda ta' erbgħa u għoxrin xahar u skwalifikatu wkoll mil-liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar mid-data tas-sentenza filwaqt li imponiet fuqu sitt punti fuq il-liċenza tas-sewqan.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi MOHAMAD appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkanċella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u dan wara li stqarr, inter alia, is-segwenti:

   (i) Illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx issibu ħati fuq l-iskorta tal-affidavits tal-Pulizija li jirreferu għal ċertu Mohamed Naser u mhux Mohamad Naser;
   (ii) Illi l-azzjoni hija preskritta peress li ma kienx ċar min kien ir-riċevitur taċ-ċitazzjoni;
   (iii) Illi ma tresqet ebda prova kontra l-appellant peress li l-affidavits tal-Pulizija ma ġewx preżentati mill-Uffiċjal Prosekutur fl-atti tal-kawża. L-Uffiċjal Prosekutur ippreżenta biss l-NPS u ladarba dan mhux konfermat bil-ġurament ma jistax jikkostitwixxi prova;
   (iv) Illi l-appellant ma setgħax jinstab ħati minħabba li huwa saq il-vettura mingħajr polza tal-assikurazzjoni fuq ordni tal-Uffiċjal tal-Pulizija stess;
   (v) Illi kien hemm prova fl-atti li l-appellant kellu polza ta' assikurazzjoni li kienet tiskadi fil-31 ta' Marzu 2020;
   (vi) Illi jekk is-sentenza tiġi eżegwita din għandha tiġi eżegwita fil-konfront ta' Mohamad Naser u mhux Mohamed Naser kif indikat fl-email mibgħuta lil Transport Malta.

4. Illi matul it-trattazzjoni tal-appell fis-seduta tal-20 t'Ottubru 2022 l-appellant qajjem il-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza appellata minħabba li skontu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tikteb l-artikoli tal-Liġi li joħolqu r-reati tajbin peress li hemm żewġ settijiet ta' artikoli fl-ewwel parti u t-tieni parti tas-sentenza li ma jaqblux ma

xulxin u dan peress li fit-tieni parti huma msemmija artikoli li ma kienx mixli bihom l-appellant.

5. L-Avukat Ġenerali laqgħet għal din il-preġudizzjali billi qalet li f'dan il-każ l-artikoli msemmija mill-Qorti fl-ewwel parti tas-sentenza huwa dawk illi jikkontemplaw ir-reat filwaqt li fit-tieni parti l-Qorti semmiet dawk l-artikoli li jolqtu l-piena. Saħqet li l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali kien jikkommina n-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-każ li dik il-Qorti tonqos milli ssemmi l-artikoli tal-Liġi li joħloq ir-reat jew issemmih b'mod ħażin u żbaljat. Din in-nullita ma tistax tiġi mwessa' billi tolqot artikoli li jippreskrivu l-piena.

## Ikkunsidrat

6. Illi b'riferenza għal dak li għandu jkun fiha s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, fuq piena ta' nullita, l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

7. Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tirriproduċi l-fatti msemmija fiċ-ċitazzjoni verbatim, inkluż l-indikazzjoni għall-artikoli tal-Liġijiet li jikkontemplaw ir-reati f'dan il-każ : "(Kap 104 Artiklu 3(1))" u "(L.S. 65.11 Artiklu 77(1))" abbinati maż-żewġ imputazzjoni fil-parti li ssemmi l-fatti li bihom l-appellant ġie mixli u li tagħhom ġie misjub ħati.

8. Imbagħad f'dik il-parti fejn dik il-Qorti għaddiet biex tiddeċiedi dwar liema mill-imputati hija kienet qegħda ssibu ħati, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qalet hekk:

> Issib lill-imputat/a ħati/ħatja ta' **l-akkużi kollha (Kap. 104 Art. 3(1), L.S. 65.11 Art. 77(1)) u dan minn kif jirriżulta ben pruvat mix-xhieda ta' PC 312 Joseph Sultana u Brian Farrugia (Transport Malta)**

9. Biex imbagħad fil-parti fejn erogat il-piena u l-konsegwenzi li jitnislu mis-sejbien ta' ħtija u piena, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaddiet biex semmiet liema huma dawk l-artikoli tal-Liġi li minnhom titnissel il-piena jew konsegwenza rispettiva jew il-modalita kif dik il-piena

għandha tiġi skontata. Allura meta kkundannat lill-ħati għall-piena tal-multa ta' elfejn u erba' mitt euro (€2400) il-Qorti kkonċediet lill-ħati li jħallas dik il-multa fi żmien erbgħa u għoxrin xahar liema setgħa l-Qorti ġġibha mill-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali puntwalment iċċitat minnha. Meta imbagħad il-Qorti ikkomminat il-konsegwenza tal-iskwalifika tal-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza għas-sewqan għal perjodu ta' tnax il-xahar, hija tinkludi wkoll referenza għall-artikoli 15(2)(3) u 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta bħal ma għamlet fir-rigward tal-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Finalment meta l-Qorti imponiet sitt punti penali fuq il-liċenza tas-sewqan, hija ċċitat ukoll ir-regolament 36B(1), Skeda 6 tal-Liġi Sussidjarja 65.18 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Bl-ebda mod ma din il-Qorti tista' tasal għall-konklużjoni li taqbel mal-appellant fil-kontenzjoni tiegħu. F'dan il-każ anzi jekk xejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) marret lil hinn minn dak il-minimum meħtieġ minnha skont il-Liġi sabiex tipproduċi sentenza valida skont il-Liġi.

# Deċide

**Għaldaqstant, din il-Qorti qegħda tiċħad il-preġudizzjali tan-nullita imqajma mill-appellant matul is-seduta msemmija u tordna l-prosegwiment tat-trattazzjoni tal-aggravji l-oħra msemmija fir-rikors tal-appell.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**